**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **63**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Ħaż-Żebbuġ: | Is-Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | I s - Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħal Kirkop: | Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| L-Imqabba | Is-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Il-Qrendi: | Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħal Safi | Is-Sindku is-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Is-Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Is-Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħad-Dingli: | Is-Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Ir-Rabat: | Is-Sindku s-Sur Alexander Craus |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija.

**62.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

62.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, s-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri u s-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus

**62.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 61;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 61 li saret nhar is-27 ta' April 2026.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**62.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 62;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 62 li kella ssir nhar il-21 ta' Mejju 2026.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**62.04 Punti mqajjma mill-Minuti**

**62.05 Kommunikazzjoni mill-President**

62.05.01 Il-President irringrazzja lis-Sindku tas-Siġġiewi, is-Sur Julian Borg għall-ħidma li wettaq fi ħdan ir-Reġjun Punent u awguralu kull success fl-irwol il-ġdid ta' Membru Parlamentari wara li ġie elett fil-Parlament mis-6 Distrett.

62.05.02 Nhar it-28.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/033_The ALDA International School is back: Keep on making the difference! Din ser isir bejn it-02 u l-04 ta' Settembru 2026.

62.05.03 Nhar it-28.04.26 irċivejna Cir AKL 2026 /030_OHSA Training Sessions for Local Councils.

62.05.04 Nhar it-28.04.26 il-Maniġer tal-Proġetti informa lill-Kunsilli Lokali sabiex jinfurmawna jekk humiex interessati fl-attività tal-ġbir taż-żebbuġ.

62.05.05 Nhar it-28.04.26 il-Maniġer tal-Ambjent staqsa lill-Kunsilli Lokali jekk hemmx interess sabiex jigu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ sabiex wieħed jitgħallem isuq ir-rota mill-NGO Rota.

62.05.06 Nhar it-28.04.26 il-Maniġer tal-Kultura bagħat is-sejħa għad-disinn tal-logo għas-sena tar-Reġjun Kulturali 2027 lis-Sindki sabiex jgħaddu rimarki jew suġġerimenti tagħhom qabel din tinħareġ fil-pubbliku.

62.05.07 Nhar it-30.04.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat r-rapport annwali u r-rapport tal-awditjar għas-sena 2025 lill-ERA.

62.05.08 Nhar it-30.04.26 irċivejna tfakkira għal business breakfast għal EUI and URBACT Info Session.

62.05.09 Nhar it-30.04.26 sar Regional Stakeholders Seminar ġewwa l-Ambassador Suites - Embassy Valletta bħala parti mill-EUFEAST Project proġett finanzjat minn Interreg Europe li għalih attendiet is-Segretarju Eżekuttiv.

62.05.10 Nhar it-02.05.26 sar it-turnament tal-futbol ġewwa is-Siġġiewi Nursery FC.

62.05.11 Nhar l-04.05.26 irċivejna draft MOU mingħand Neptunes WPSC.

62.05.12 Nhar l-04.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Voluntary Sector se tkun qed torganizza sessjonijiet ta' taħriġ li jiffoka fuq il-ġestjoni tal-voluntiera u l-proċessi tar-riżorsi umani (Volunteer Management & HR Processes).

62.05.13 Nhar il-05.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/034 FW: Best Rural Tourism Villages Competition. Korrispondenza mibgħuta mill-Malta Tourism Authority.

62.05.14 Nhar il-05.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali li GAL Majjistral reġa' fetaħ l-ewwel miżura tiegħu – Enriching Rural Heritage by Safeguarding Tangible and Intangible Elements. Din il-miżura tiffoka fuq restawr ta' assi tanġibbli bħal siti u oġġetti fuq skala żgħira, kif ukoll tkopri assi intanġibbli bħal tradizzjonijiet li għandhom valur kulturali u sinifikat storiku.

62.05.15 Nhar is-06.05.26 infurmajna lill-parteċipanti dwar l-avventura li jmiss ta' Darba Waħda fil-villaġġ li ser issir ġewwa Ħal Kirkop.

62.05.16 Nhar is-06.05.26 il-Maniġer tal-Proġetti informa lid-DLG li irċivejna talba mill-Kunsill Lokali ta Ħal Safi li jixtieq jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni skont l-SPI/SCI/10/2022, fir-rigward tal-latrina u showers li jinsabu fil-grawnd tal-futbol. Is-Sur Agius talab rendikont tal-fondi allokati użati sal-ġurnata qabel tkun approvata din it-talba. Il-Maniġer tal-Proġetti għadda din l-informazzjoni lis-Sur Agius.

62.05.17 Nhar is-07.05.26 irċivejna Cir AKL/Reġjuni 004/2026_REGIO P2P Invitation to Public Procurement Community Meeting.

62.05.18 Nhar is-07.05.26 irċivejna Cir AKL/Regjuni 005/2026 FW: New CCRI workshop series - opportunity to share with your members.

62.05.19 Nhar is-07.05.26 irċivejna mid-DLG sabiex jinġabru r-reġistri Elettorali.

62.05.20 Nhar is-07.05.26 irċivejna mis-Sur Agius fejn infurmana li għad hemm fondi disponibbli allokati u li d-Direttorat m'għandu ebda oġġezzjoni sabiex japprova t-talba relatata max-xogħlijiet fuq il-latrina pubblika msemmija f'Ħal Safi.

62.05.21 Nhar is-07.05.26 il-Maniġer tal-Ambjent informa lill-Ing Formosa bis-siti il-ġodda għar-risk assessment tas-sena 2026.

62.05.22 Nhar il-11.05.26 irċivejna mid-DLG li hekk kif kienu infurmati mill-ACM is-sejħa għal Applikazzjonijiet għal Għotjiet ta' Taħriġ għall-Impjegati tas-Settur Pubbliku fis-Setturi Kulturali u Kreattivi, taħt il-proġett ESF+.03.243 ġiet aġġornata.

62.05.23 Nhar it-12.05.26 il-Maniġer tal-Ambjent bagħat template tat-tenders għal xiri ta' vetturi, sabiex jiffaċċilita l-proċess lill-Kunsilli Lokali.

62.05.24 Nhar it-12.05.26 irċivejna mill-università ta' Malta dwar Proġett Orizzont Ewropa msejjaħ Adaptation Hubs li hu mmexxi mill-Unjoni Ewropea bil-għan li jappoġġja lill-Pajjiżi Ewropej lejn Ewropa Reżiljenti għall-Klima sal-2030.

62.05.25 Nhar it-12.05.26 irċivejna Ċirkulari 3/2026 dwar l-*Accounting Treatment* ta' Assi Fissi *(Non-Current Assets)* – Aġġornament fuq id-Direttiva Numru 1/2017.

62.05.26 Nhar it-13.05.26 irċivejna opportunità ta' sħubija fl URBACT Call for Action Networks mill-Belt ta' Trebinje fil-Bożnija-Ħerzegovina. Se tkun ta' interess għal organizzazzjonijiet u lokalitajiet li jaħdmu fuq it-trasformazzjoni diġitali, governanza intelliġenti, u servizzi pubbliċi orjentati lejn iċ-ċittadin.

62.05.27 Nhar it-13.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector se torganizza laqgħa fejn membri minn għaqdiet volontarji jistgħu jiltaqgħu flimkien, jiddiskutu esperjenzi u ideat kif ukoll jesploraw opportunitajiet ta' kollaborazzjoni bejniethom (VO Networking event).

62.05.28 Nhar it-13.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Energy & Water Agency għadha kemm fetħet is-sitt sejħa tal-Energy & Water Efficeincy Scheme li hija mmirata għall-għaqdiet volontarji. L-għan ewlieni li tappoġġja organizzazzjonijiet volontarji fit-tnaqqis tal-konsum ġenerali tagħhom tal-enerġija u tal-ilma permezz ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, u/jew tnaqqis fl-użu tal-ilma, u/jew żieda fil-provvista tal-ilma.

62.05.29 Nhar il-13.-05.26 irċivejna mill-ERA l-istatisktika għar-reġjun fir-rigward l-ammont ta' spezzjonijiet li saru u multi li inħarġu matul l-ewwel kwart tas-sena.

62.05.30 Nhar l-14.05.26 il-Maniġier tal-Iskart bagħat il-lista tal-hotspots għax-xahar tal-Mejju.

62.05.31 Nhar l-14.05.26 irċivejna mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li qed jospitaw delegazzjoni mill-Ukrajna bħalha parti mill-proġett TIPS4UA. Ġejna mistednin sabiex nipparteċipaw f'dan il-programm nhar it-18.05.26. Il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej attendiet u tat preżentazzjoni fuq ir-Reġjun Punent.

62.05.32 Nhar il-15.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/035_Call for evidence for the 2026 Annual Report on the State of Regions and Cities fejn il-membri ġew mistiedna jikkontribwixxu fir-rapport ġenerali annwali tal-Committee of the Regions billi jaqsmu stejjer lokali ta' suċċess u prattiċi tajbin li seħħew matul is-sena li-għaddiet. Dan ir-rapport jiġi preżentat fil-ftuħ tal-European Week of Regions and Cities nhar it-12.10.2026. Ir-Reġjun Punent ippreżenta il-proġett Arts for Social Change bħala proġett li għamel ġid u suċċess fil-kommunitajiet tagħna.

62.05.33 Nhar il-15.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/036_Invitation: Launch of Maker Faire Malta 2026 (20 May).

62.05.34 Nhar id-19.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/037_Consultation of local and regional authorities on local integration practices concerning migrants.

62.05.35 Nhar id-19.05.26 irċivejna tfakkria dwar l-istħarriġ tal-EloGE.

62.05.36 Nhar id-19.05.26 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-kuntratt aġġornat tal-Arti għal Anżjanita Attiva.

62.05.37 Nhar id-19.05.26 irċivejna Ċirkulari Nru 04/20236 - Elezzjoni Ġenerali 2026.

62.05.38 Nhar id-19.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Malta Council for Voluntary Sector se torganizza sessjoni ta' taħriġ onlajn dwar prattiċi ta' ġbir ta' fondi għall-organizzazzjonijiet volontarji (Fundraising Practices).

62.05.39 Nhar id-19.05.26 irċivejna opportunità taħt sejħa tan-network ta' Azzjoni Urbact IV.

62.05.40 Nhar l-20.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) ħabbret it-tnedija ta' skema ġdida msejħa Intergenerational Voluntary Organisations Scheme (IVOS), bil-għan li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn

ġenerazzjonijiet differenti permezz ta' proġetti komunitarji.

62.05.41 Nhar l-20.05.26 irċivejna Cir AKL/Regjuni 006/2026 FW: Water Global Community of Practices - AQUATIK-EU Project Event 21st May 2026.

62.05.42 Nhar l-20.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Il-Malta Council for Voluntary Sector se tkun qed torganizza ġurnata taħriġ li jiffoka fuq l-immaniġjar tal-għaqdiet volontarji (VO Management).

62.05.43 Nhar it-22.05.26 irċivejna stedina mingħand il-president tal-JMI għal-81 JMI AGA li se ssir fuq Zoom nhar l-14 u 15 ta' Lulju 2026.

62.05.44 Nhar it-22.05.26 irċivejna stedina mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali għal konferenza b'rabta mal-ħidma tal-Gvern Lokali. Matul il-konferenza ser jingħata wkoll il-finanzjament tal-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali 2026 lill-Kunsilli Lokali li kienu eliġibbli u kkwalifikaw għall-finanzjament għal din l-iskema.

62.05.45 Nhar it-22.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/038_Survey regarding vacant and derelict dwellings in Malta.

62.05.46 Nhar it-22.05.26 irċivejna mill-MTA l-applikazzjoni għal kompetizzjoni tal-UN Tourism Best Village. L-inizjattiva għandha l-għan li tirrikonoxxi destinazzjonijiet rurali li juru impenn qawwi lejn it-turiżmu sostenibbli, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali, u l-promozzjoni tal-iżvilupp ibbażat fuq il-komunità.

62.05.47 Nhar il-25.05.26 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil NAO li mhux qiegħdin f'pozizzjoni li nibgħatu l-Audited Financial statement minħabba li l-laqgħa tax-xahar ta' Mejju ma saritx peress li kien hemm nuqqas ta' kworum.

62.05.48 Nhar il-25.05.26 il-Maniġer tal-Ambjent informa lill-Kunsilli Lokali li ser issir konferenza Shape2gether: Shaping our climate behaviour, nhar l-10.06.26 fis-Seminarju dwar tibdil fil-klima u sostenibilita'.

62.05.49 Nhar is-26.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/039_Sessjoni ġewwa l-Esplora bil-għan sabiex l-ispazju tal-Esplora jibda jintuża b'mod aktar kreattiv mill-Kunsilli Reġjonali u Lokali, anke meta wieħed ikun qed jippjana ħarġiet edukattivi għall-komunità.

62.05.50 Nhar is-26.05.2026 irċivejna stedina mingħand MIEMA għal webinar iddedikat lil European Enercy communities Facility (ENERCOM) li seħħ nhar is-27.05.2026.

62.05.51 Nhar is-27.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/040_LCA Summer Connect 2025 – Alfa Gardens Edition 10.07.26.

62.05.52 Nhar is-27.05.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lil-Kooperattiva Produtturi taz-Zebbug Limited li GAL Majjistral joperaw fuq bażi ta' blokki, jiġifieri l-applikazzjonijiet jiġu milqgħuha kull xahar u pproċessati fi tmiem dak l-istess xahar.

62.05.53 Nhat it-28.05.26 irċivejna mingħand PJ Consulting Srl rigward Urbact IV Action Network Call - Malta - GEN-MED. Ħejjewlna gwida li fiha l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet rilevanti kollha dwar il-passi li għandhom jiġu segwiti fil-preżentazzjoni tal-applikazzjoni sabiex inkunu nistgħu nissiebħu f'dan il-proġett

62.05.54 Nhar it-28.05.26 irċivejna Cir AKL 2026/041_ALDA International School for Local Democracy 2026.

62.05.55 Nhar it-02.06.2026 irċivejna stedina għal attivita' speċjali bil-għan li tirrikonoxxi formalment dawk il-lokalitajiet Maltin li kienu parti mir-rotta tal-Feniċi f'pajjiżna. Din ser issir nhar is-16.06.2026.

**62.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet**

**62.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

61.01.01 Kwotazzjoni RFQ258/2026- Request For Quotation for the Provision of Cleaning services

**62.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**62.07.01 Kwotazzjoni RFQ258/2026 – Request For Quotation for the Provision of Cleaning Services**

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna żewġ (2) offerti. Il-President informa sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borg
Il-Kunsill qabel unanimament

**62.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.62**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Nru. 62.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament.

**62.09 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Audited Financial Statements, wara li ingħatat spjega dettaljata lill-membri mill-accountant tar-Reġjun Punent.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**62.10 MOU ma' Neptunes W.P.S.C**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni MOU ma' Neptunes WPSC dwar appoġġ ta' applikazzjoni għall-fondi tad-Development Planning Fund sabiex isir żvilupp ta' pixxina ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Minn dan il-ftehim, ir-residenti tar-Reġjun Punent ser jiggwadanjaw minn siegħat ta' użu tal-pixxina mingħajr ħlas.

Peress illi l-membri preżenti kellhom xi mistoqsijiet li dwarhom se tintgħalab iktar informazzjoni mill-PA u ġie deċiż illi tali deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

### 62.11 Insurance fuq attivitajiet

Il-President informa li bħalissa qed jsir tiftix fis-suq rigward polza tal-assigurazzjoni li tkompli l-avvenimenti imtellgħa mir-Reġjun u mill-Kunsilli Lokali. Il-President informa li ser nkomplu nfittxu l-aħjar pakkett offrut sabiex jiġu frankati ħafna xogħol ta' loġistika u spejjeż lill-Kunsilli Lokali.

### 62.12 European Week of Regions and cities

Il-President ippropona li Reġjun Punent jħallas titjira għal persuna waħda minn kull Kunsill Lokali sabiex tkun tista' tattendi għal European Week of Regions and Cities ġewwa Brussell li ser issir bejn it-12 u l-14 t'Ottubru. Il-biljetti iridu jitħallsu mill -Kunsill Lokali u jiġu rimborsi mir-Reġjun wara li dak li jkun jattendi u jirritorna lura. F'każ illi is-Sindku ma jistax jattendi, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jibgħat lil xi ħadd ieħor. Il-biljetti tal-ajru jridu jinqatgħu f'Ġunju u jekk għal xi raġuni dan ma jsirx, ir-rimbors jsir fuq il-prezz ta' Ġunju minħabba li jista' jkun hemm xi żieda fil-prezz.

Il-President ippropona sabiex nieħdu sehem fuq l-stand ġewwa l-Expo imtella' mill-AKL. Propona sabiex jattendu ukoll l-istaff klerikali sabiex jkunu jistgħu jassistu, flimkien mas-SE u l-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 62.13 Materji Oħra

#### 62.13.01 Tiswija ta' ħsarat fit-tabelli tan-Nudge Active Travel

Il-President ippropona li jitħallsu it-tabelli tan-Nudge Active Travel li ġew vandalizzati ġewwa l-Imdina, ir-Rabat u Ħal Kirkop.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

#### 62.13.02 Ħaddiema ta' CWSF

Il-President ippropona sabiex kemm il-darba tiġi l-opportunita' li ningaġġaw xi ħaddiem/a mill-CWSF li jkun jixtieq jaħdem mar-Regjun se jkun qed imexxi bil-proċess filwaqt li jinforma lis-Sindki dwar dan.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi

Il-Kunsill qabel unanimament

### 62.14 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-30 ta' Ġunju 2026 fil-17:00.**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum